**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 789/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettura Joanna Piscopo)**

**vs**

**MARIO ZAMMIT**
**(I.D. 421574M)**

**Illum, 19 ta' Dicembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MARIO ZAMMIT** detentur ta' karta t'identita' bin-numru 421574M, tressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Talli fl-14 ta' Dicembru 2018 ghall-habta ta' bejn 21:25hrs fi Triq il-Kunvent Zabbar ikkommetta serq ta' basket kontenenti xi ogetti ghad-

dannu ta' Christine Vella, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa u ta importanza zghira fuq il-persuna ta' Christine Vella hekk skond kif iccertifika dr. Marius Caruana MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.
3. Irrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija fil-konfront taghhom, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba illi f'kaz ta' kundanna, tapplika il-provedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu waqt l-ezami fl-udjenza tad-19 ta' Dicembru 2018, liema htija giet ikkonfermata minnu wara li nghata hin biex jerga' jahseb dwar din l-ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena u rat ukoll id-divjet li ordnat dwar il-pubblikazzjoni tal-kontenut tal-imsemmija sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u rega' kkonferma din l-ammissjoni anke wara li nghata opportunita` li jirrikonsidra l-pozizzjoni tieghu. Ghaldaqstant, l-imputazzjonijiet qed jitqiesu li gew debitament ippruvati.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, inkluz l-importanza zghira tal-griehi sofferti minn Christine Vella[1] u l-valur negligibbli tal-oggetti misruqa;

Hadet ukoll in konsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-fedina penali tal-imputat li, ghalkemm hija wahda refrattarja, taghti x'tifhem lill-Qorti li wara karriera pjuttost twila jikser difrejh mal-ligi, xprunata fost ohrajn mill-vizzju tad-droga li jirrizulta li l-imputat kien mahkum minnu ghal snin shah, huwa donnu kien qabad it-triq tar-riforma u, hlief ghal reat li ma huwa konness xejn mas-serq jew droga u li ghalih gie kkundannat ghal multa, l-imputat gharaf izomm 'il boghod mill-kriminalita` ghal kwazi ghaxar snin shah.

Qieset ukoll b'mod partikolari, id-diffikultajiet evidenti ta' sahha kif ukoll dawk finanzjarji li qed jirriskontra fil-prezent l-imputat, li jirrizulta li gie rinfaccjat ukoll ghall-gharrieda b'debitu li oltre li gie inkors ad insaputa tieghu u in bona fede, hallih f'qaghda ddisprata u jidher li wasslu wkoll biex jikkommetti r-reati lilu addebitati.

Filwaqt li l-Qorti taghmilha cara li assolutament u b'ebda mod m'hi qieghda tikkondona l-agir tal-imputat u lanqas m'hi qieghda tiggustifika t-twettiq ta' reat partikolarment serq minhabba problemi finanzjarji, hija sejra tiehu in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi partikolari meta tigi biex teroga l-piena.

[1] Skond kif jirrirzulta mic-certifikat mediku Dok. LZ4.

Tirribadixxi li dan qieghda taghmlu mhux ghaliex il-qaghda tal-imputat kif lilha mfisser fis-sottomissjonijiet dwar il-piena, ghandha titqies bhala fattur ta' temperament fil-piena, izda ghaliex l-assjem tac-cirkostanzi li jiffurmaw l-isfond tat-twettiq tar-reati addebitati lill-imputat u c-cirkostanzi kollha l-ohra tieghu, jikkonvincu lill-Qorti li piena ta' prigunerija m'hijiex piena xierqa u idonea biex tigi erogata f'dan il-kaz. Huwa manifest li l-imputat ghandu bzonn tal-ghajnuna u l-Qorti ma tqisx li ghandha ccahdu minnu.

Il-Qorti in vista ta' dak kollu fuq premess u kkunsidrat, hija tal-fehma li l-imputat jimmerita li jinghata opportunita` li jerga' jqieghed hajtu fuq binarji stabbli u jigi ggwidat biex jibqa' ghaddej fit-triq tas-sewwa li kien miexi pjuttost tajjeb fiha sakemm sab ruhu f'sitwazzjoni ta' disprament, anke sabiex jista' jsib l-ghajnuna li jehtieg biex jaghmel dan.

In vista ta' dan kollu il-Qorti tqis li m'ghandhiex timponi piena karcerarja fuq l-imputat izda tqis li huwa xieraq u mehtieg li l-imputat jigi mqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation, u dan li tigi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-istess imputat, li jigu protetti terzi minn hsara li jista' jaghmel kif ukoll li jigi prevenut l-ghemil ta' reati ohra.

Konformament, u wara illi rat illi l-imputat esprima r-rieda tieghu illi jikkonforma ruhu mal-htigijiet ta' ordni ta' probation, u dan wara li l-Qorti fissret lill-istess imputat bi kliem li huwa jifhem, l-effett tal-ordni li pproponiet li tigi moghtija fil-konfront tieghu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor waqt il-perijodu operattiv ta' ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali, sejra tpoggih ghalhekk taht Ordni ta' Probation ghaz-zmien massimu li tippermetti l-ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 221(3)(b), 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 274(d) u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat MARIO ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment, liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ghall-finijiet tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati, bi kliem li huwa jifhem, l-effett tal-ordni li qed issir fil-konfront tieghu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor waqt il-perijodu operattiv ta' ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**